

Brussell, 25 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12510/26

DELECT 133
PECHE 318

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 5667 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'6.8.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (<i>Pagellus bogaraveo</i>) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 5667 final.

Mehmuż: C(2026) 5667 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.8.2026
C(2026) 5667 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 6.8.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni
minn 6 sa 8 tal-ICES**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2019/1241¹ jistabbilixxi qafas għal miżuri tekniċi dwar l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE. Skont l-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament, dak il-qafas jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013² dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, inkluż biex isir sajd fil-livelli ta' rendiment massimu sostenibbli, jitnaqqas il-qbid mhux intenzjonat u jiġi eliminat il-qbid skartat, kif ukoll jikkontribwixxi għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE³.

L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-Istati Membri b'interess ta' ġestjoni dirett affettwat minn miżura ta' konservazzjoni tal-UE jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-leġislazzjoni ambjentali tal-UE u biex jiksibu l-oġettivi tal-pjanijiet pluriennali, inkluż ir-Regolament (UE) 2019/472⁴ li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent, jew il-pjanijiet għall-iskartar adottati skont dawk il-pjanijiet pluriennali.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, abbażi ta' tali rakkomandazzjonijiet konġunti, biex tqis l-ispeċifikitajiet reġjonali tas-sajd rilevanti, billi temenda, tissupplimenta, jew tħassar il-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi ta' dak ir-Regolament, jew tidderoga minnhom, suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament u fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jipprevedu li ċerti miżuri tekniċi, kif imsemmi fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament jew fil-partijiet A jew C tal-Annessi minn V sa X tiegħu, japplikaw ukoll għas-sajd rikreattiv.

Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq proposti f'rakkomandazzjoni konġunta li għandha l-għan li temenda l-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 (il-Baħar Ċeltiku, il-Fliegu Ingliż, u l-Golf tal-Biskalja) tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.07.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

³ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.06.2008, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/472/oj>).

(ICES), u li jridu japplikaw għas-sajd kummerċjali u rikreattiv. Għalhekk, l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tirrikjedi l-użu ta' żewġ setgħat separati, previsti fl-Artikoli 2(2) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241, li fil-prinċipju jenħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' atti leġislattivi separati. Madankollu, għal dawk il-miżuri kollha, hemm rabta sostantiva bejn is-setgħat mogħtijin u għalhekk jistgħu jiġu raggruppati, f'konformità mal-punt 31 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁵. Tabilħaqq, dawk il-miżuri kollha għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd f'reġjun partikulari, qed jiġu proposti f'rakkomandazzjoni konġunta waħda ppreżentata mill-Istati Membri b'interess ta' ġestjoni dirett fl-istess reġjun, u lkoll kemm huma għandhom l-għan li jemendaw l-annessi tal-istess att leġislattiv.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-3 ta' Lulju 2026, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands, u l-Portugall) u l-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral (il-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza, u n-Netherlands) ippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta biex jipproponu li jiġġeddu sal-31 ta' Diċembru 2027 il-miżuri li ilhom minn Lulju 2022 'l hawn japplikaw għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES b'rabta mas-sajd kummerċjali u rikreattiv. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56⁶ kien emenda r-Regolament (UE) 2019/1241 biex jinkludi t-tali miżuri fl-Annessi VI u VII, filwaqt li r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2024/491⁷, (UE) 2024/3204⁸, kif emendat b'(UE) 2025/1726⁹, u (UE) 2025/2192¹⁰, estendew dawk il-miżuri sal-31 ta' Diċembru 2024, 2025, u 2026 rispettivament. Dawk il-miżuri jinkludu: (i) daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) għall-paġella ħamra fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES; (ii) l-għeluq għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża f'dawk iż-żoni mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju; u (iii) għas-sajd kummerċjali, għeluq fuq bażi staġjonali u, għas-sajd rikreattiv, għeluq is-sena kollha f'żoni ġeografiċi speċifiċi tas-subżona 8 tal-ICES.

⁵ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinsti/2016/512/oj).

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56 tad-19 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L 5, 6.1.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/56/oj).

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/491 tat-30 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tiġdid tal-miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L, 2024/491, 13.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/491/oj).

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3204 tal-11 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-gandoffla tal-għonq qasir u l-paġella ħamra (ĠU L, 2024/3204, 31.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/3204/oj).

⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1726 tas-27 ta' Ġunju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-korrezzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-dispożizzjonijiet dwar il-gandoffla tal-għonq qasir u l-paġella ħamra (ĠU L, 2025/1726, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1726/oj).

¹⁰ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2192 tas-6 ta' Awwissu 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L, 2025/2192, 29.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/2192/oj).

Peress li: (i) il-miżuri fir-rakkomandazzjoni konġunta tat-3 ta' Lulju 2026 huma l-istess bħal dawk li ilhom japplikaw għall-paġella ħamra minn Lulju 2022, li għalihom l-STECF¹¹ ikkonkluda li kellhom il-potenzjal li jnaqqsu l-qabdiet tal-paġella ħamra, u għalhekk jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; (ii) id-data għal dak l-istokk għadha skarsa u l-ICES ħareġ parir li l-qbid għall-2027 għandu jkun żero¹²; u (iii) il-miżuri għadhom aktar stretti mill-miżuri bażi li kienu japplikaw għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES qabel l-adozzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti stabbilit fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma ssodisfati.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fl-10 ta' Lulju 2026.

3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT

Sommarju tal-azzjoni

L-att delegat jemenda l-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 billi jestendi sal-31 ta' Diċembru 2027 il-miżuri eżistenti għall-paġella ħamra.

Bażi legali

L-Artikoli 2(2) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

¹¹ <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126128>.

¹² ICES. 2026. Il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 (il-Baħar Ċeltiku, il-Fliegu Ingliż, u l-Bajja tal-Biskalja), <https://doi.org/10.17895/ices.advice.30932393>

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.8.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi miżuri tekniċi speċifiċi għall-ilmijiet tal-Unjoni. L-Anness VI tiegħu jipprevedi miżuri tekniċi reġjonali għall-ilmijiet tal-Majjistral u l-Anness VII għall-ilmijiet tal-Lbiċ.
- (2) L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi li l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fil-miżuri ta' konservazzjoni tal-Unjoni li japplikaw għal reġjun ġeografiku partikolari, jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dawh il-miżuri.
- (3) Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands, u l-Portugall ("il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ"), u l-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda, u n-Netherlands ("il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral") għandhom interess ta' ġestjoni dirett għas-sajd fl-Ilmijiet tal-Lbiċ u tal-Majjistral rispettivament.
- (4) Fit-3 ta' Lulju 2026, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ u l-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral ippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta biex jipproponu li jiġġeddu sal-31 ta' Diċembru 2027 il-miżuri li ilhom minn Lulju 2022 'l hawn japplikaw għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES b'rabta mas-sajd kummerċjali u rikreattiv. Il-miżuri proposti jinkludu: (i) daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 36 cm għas-sajd kummerċjali għall-paġella ħamra fis-subżoni minn

¹ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>

6 sa 8 tal-ICES; (ii) għeluq għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża f'dawk iż-żoni mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju; u (iii) għeluq fuq bażi staġjonali għas-sajd kummerċjali u l-għeluq għas-sena kollha għas-sajd rikreattiv fiż-żoni ġeografiċi speċifiċi tas-subżona 8 tal-ICES.

- (5) Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fl-10 ta' Lulju 2026.
- (6) Fl-2021, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku, u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") ivvaluta l-miżuri li ilhom japplikaw għall-paġella ħamra minn Lulju 2022 u kkonkluda li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-qabdiet tal-paġella ħamra, u għalhekk jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (7) Meta wieħed iqis, l-ewwel nett, dik il-konklużjoni tal-STECF, it-tieni l-fatt li d-data għal dan l-istokk għadha skarsa u li l-ICES ħareġ parir li l-qbid għall-2027 għandu jkun zero u, it-tielet, li l-miżuri kkonċernati huma aktar stretti mill-miżuri bażi li kienu japplikaw għall-paġella ħamra fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES qabel l-adozzjoni tal-miżuri li għalihom qed jintalab it-tiġdid, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti tal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma ssodisfati.
- (8) Iż-żewġ setgħat previsti fl-Artikoli 2(2) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241, rispettivament għas-sajd rikreattiv u kummerċjali, u li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, huma, għal dawk il-miżuri kollha, marbutin sostanzjalment, skont it-tifsira tal-punt 31 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³. Tabilħaqq, dawk il-miżuri kollha għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd f'reġjun partikulari, qed jiġu lkoll kemm huma proposti f'rakkomandazzjoni konġunta waħda ppreżentata mill-Istati Membri b'interess ta' ġestjoni dirett fl-istess reġjun, u lkoll kemm huma għandhom l-għan li jemendaw l-annessi tal-istess att leġislativ.
- (9) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.
- (10) Peress li l-miżuri li jridu jiġġeddu jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2026, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2027 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali.
- (11) Il-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament applikabbli għall-ilmijiet tal-Unjoni għandhom l-għan li jilħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 494(1) u (2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra⁴ u jikkunsidraw il-prinċipji msemmiya fl-Artikolu 494(3) ta' dak il-Ftehim. Dawn huma mingħajr preġudizzju għal kull miżura applikabbli fl-ilmijiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.
- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat kif xieraq,

³ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj).

⁴ Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.04.2021, p. 10, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_international/2021/689\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_international/2021/689(1)/oj)).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Miżuri tekniċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES

L-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.8.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN